# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 09 ta' Jannar, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**vs**
**Angelus Vella**

**Drogi Numru: 01/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Angelus Vella, detentur tal-Karta ta' l-Identita Maltija 573953M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-07 ta' Jannar 2020 u anke matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess

droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ipproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’digriet mghoti mill- Magistrat Dr A.Vella LL.D data nhar id-29 ta’ Mejju 2018 li permezz tieghu huwa nghata il-helsien minn l-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa ta’ Bormla.

5. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’digriet mghoti mill- Magistrat Dr N.Galea Scibberas LL.D datat nhar is-17 ta’ Gunju 2016 li permezz tieghu huwa nghata il-helsien minn l-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa ta’ Bormla.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuementi esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina prenali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-kwantita u x-xorta tad-droga involuta u c-cirkostanzi li wassluh biex jikkommetti dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 8(b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** u **multa ta' hames mitt Euro (€500).** In oltre qed **tirrevoka d-degrieti mghotija fis-17 ta' Gunju 2016 u fid-29 ta' Mejju 2018** permezz ta liema kien inghata helsien mill-**arrest** u fil-waqt li **tordna ir-riarrest immedjat tieghu,** qed tordna ukoll **il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu u garanzija imposti fiz-zewg degrieti imesmmija f'l-ammonti totali ta' hamest elef Euro (€5,000) u tlett elef Euro (€3,000) rispettivament.**

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**